**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Numru 520/2023**
**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Michael Tabone)**
**-Vs-**
**JOSEPHINE SPAGNOL**

**Illum, 12 ta' Marzu 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **JOSEPHINE SPAGNOL** ta' 49 sena, bint Michael Bonnici u Angela nee' Desira, imwielda fil-21 ta' Frar 1974, residenti ġewwa St Anne, Triq iż-Żinżell, Marsacala, detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 0126074M li tressqet quddiemha akkużata talli bejn Novembru 2018 u Marzu 2023 f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiskru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:-

1. Iffalsifikajt cedola, polza, ordni jew dokumenti oħra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom ħlas, jew jieħdu l-kunsinna ta' oggetti jew jiġbor depożitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b xi' att pubbliku tal-Gvern;

2. U aktar talli xjentament għamilt użu minn wahda mill-karti ffalsifikati msemmijin fl-artikoli 166, 167 u 168 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli ghamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi ħloqt pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħalt dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi żidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. U aktar talli xjentament ghamilt uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikolu 183 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U aktar talli sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalik innifsek jew għal ħaddieħor, f'xi dokumenti maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tajt tagħrif falz ;

6. U aktar talli b'mezzi kontra l-ligi, jew billi għamit użu ta' ismijiet foloz, jew ta, kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq ieħor, ingann jew billi wrejt ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta; intraprizi foloz, jew ta ħila setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi ġrajja kimerika, għamilt qligħ ta' aktar minn ħamest elef euro €5,000 bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, il-Gvern ta' Malta u /jew xi entita u/ jew entitajiet ohra;

7. U aktar talli bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entita u/jew entitajiet oħra, għamilt qligħ ieħor b'qerq ta'aktar minn ħamest elef euro (€5,000).

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkuzat ghal ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputata waqt l-eżami twieġeb li mhux ħatja tal-akkużi;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-14 ta' Settembru 2024 fejn, għall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-liġi li abbażi tagħhom, hemm maħsub li tista' tinstab ħtija, u ċioe`:

1. Fl-artikolu 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 308 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Fl-artikoli 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. Fl-artikoli 15A, 17, 18, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tal-25 ta' Settembru 2024 tiddikjara li m'għandhiex oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;,

Semgħet ix-xhieda tal-espert ġudizzjarju Dr. Anthony Galea Debono u rat ir-relazzjoni tiegħu Dok. AGD1;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza fis-seduta tal-24 ta' Frar 2025;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi bħala sfond jidher li l-akkużi fil-konfront tal-imputata, Josephine Spagnol, nibtu minn tfittxija li kienet saret fil-computer ta' Dr. Silvio Grixti fejn il-Pulizija kienu sabu diversi ċertifikati mediċi foloz, fosthom żewġ ċertifikati li kienu nħarġu fir-rigward ta' Josephine Spagnol, liema ċertifikati juru li kienu nħarġu minn Dr. Ruth Galea u Dr. Raisa Said. Minn investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija, jirriżulta illi dawn iż-żewġ ċertifikati nsabu wkoll fil-file tal-imputata fid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali b'rabta mal-applikazzjoni li kien ġie sottomess lid-Dipartiment f'isem l-istess Josephine Spagnol biex tirċievi l-ħlas ta' assistenza għal diżabilita' severa għall-kundizzjoni tal-epilepsija.

Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi jirriżulta li fid-29 ta' Novembru 2018 kien ġie sottomess lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali applikazzjoni għal '*Assistance for a person who has Severe Disability*' f'isem Josephine Spagnol bil-karta tal-identita' bin-numru 126074M[1], f'liema applikazzjoni ġie mmarkat b'mod speċifiku fil-lista ta' kundizzjonijiet mediċi jew mard li dwarhom qed jintalab il-ħlas tal-assistenza, il-kundizzjoni tal-epilepsija. Fil-file fid-Diprtiment tas-Sigurta' Soċjali dwar din l-applikazzjoni f'isem l-imputata, wieħed isib għadd ta' kopji ta' ċertifikati u rapporti mediċi, inkluż ċertifikati maħruġa u ffirmati mill-psikjatra Dr. Mark Xuereb, li jikkonfermaw li l-imputata tbati mill-kundizzjoni tal-epilepsija li dwarha ġiet sottomessa l-applikazzjoni, kif ukoll ir-rapport tal-Medical Panel datat 7 ta' Marzu 2019 li iċċertifika lill-imputata bħala persuna gravement disabilitata minħabba l-kundizzjoni tal-epilepsija.

[1] Ara paġna 63 sa paġna 68 tal-atti tal-kompilazzjoni, formanti parti minn Dok. MB2.

Il-Qorti tħoss li għandu jiġi osservat f'dan l-istadju illi, kif diġa' ġie rilevat fil-verbal tas-seduta tat-23 ta' Mejju 2024, l-espert mediku Dr. Anthony Galea Debono ma kienx ingħata l-fakolta' jisma' x-xhieda bil-ġurament jew jieħu xi stqarrija mingħand l-imputata jew persuni oħrajn. Għalhekk, it-teħid mill-espert tal-verżjoni bil-ġurament tal-imputata ġewwa l-Isptar Mater Dei fit-22 ta' Mejju 2024, liema verzjoni ttieħdet mingħand l-imputata mingħajr assistenza legali u mingħajr ma ngħatat id-drittijiet legali l-oħra spettanti lilha skont il-liġi, sar bi ksur tad-drittijiet mogħtija skont il-liġi lil persuna akkużata[2] inkluż id-dritt tagħha li tibqa' siekta, u wkoll bi ksur tar-regola fl-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali li x-xhieda jiġu eżaminati quddiem il-qorti u *viva voce*, kif ukoll ir-regola fl-artikolu 635 tal-istess Kodiċi li tistipola kategorikament l-istanzi meta r-raġel jew il-mara tal-akkużat jistgħu jixhdu favur jew kontra xulxin.

Filwaqt li f'dak l-istadju tal-proċeduri fl-istruttorja meta kienet qed tisma' l-provi tal-Avukat Ġenerali, il-Qorti ma setgħetx tiddeċiedi dwar l-ammissibbiita' o meno tax-xhieda tal-imputata u żewġha quddiem l-espert mediku, illum ma tistax, għar-raġunijiet ġia' dikjarati, tagħti piż lill-parti tar-relazzjoni Dok. AGD1 li fiha stqarrijiet tal-imputata bil-ġurament u l-verżjoni ta' żewġha, kif ukoll is-siltiet tax-xhieda tal-espert quddiem il-qorti fejn l-espert għamel riferenza għal dawk il-verżjonijiet u konsegwentement, sejra tiskartahom għall-fini tad-deliberazzjonijiet tagħha, ħlief safejn l-istqarrija tal-imputata u l-kostatazzjonijiet relattivi huma favorevoli għall-pożizzjoni tagħha fil-proċeduri.

Ikkunsidrat;

L-imputata qed tiġi mixlija b'żewġ kapi ta' falsifikazzjoni, taħt l-artikolu 167 u taħt l-artikolu 183 tal-Kodiċi Kriminali.

In kwantu l-kopja taċ-ċertifikat intitolat 'Case Summary' li jinsab fil-file tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali[3], li jidher li ġie ffirmat minn ċertu Dr. Raisa Said, il-

[2] Rt. 355AUA u 534A *et sequitur* tal-Kodiċi Kriminali.
[3] Paġna 48.

Qorti tibda biex tosserva illi Dr. Raisa Said qatt ma ġiet rintraċċjata u konsegwentement ma xehditx quddiem il-Qorti biex tafferma jekk il-firma fuq id-dokument 'Case Summary'[4], hijiex tagħha jew le[5]. Madankollu, ġie ppruvat illi n-numru ta' reġistrazzjoni 3147 ma jappartjenix lil Dr. Raisa Said iżda lil Dr. Valerie Ann Fenech[6] u jirriżulta wkoll li Dr. Raisa Said m'hijiex reġistrata bħala tabib mal-Kunsill Mediku fir-Reġistru li ġie pubblikat għas-sena 2023. Barra minn hekk, filwaqt illi fl-istqarrija, l-imputat insistiet iktar minn darba illi hija qatt ma marret l-Isptar Mater Dei għal xi viżta jew eżami, jirriżulta li d-dokument in diżamina jidher li nħareġ minn Mater Dei Hospital.

Dan kollu magħdud huwa biżżejjed biex jikkonvinċi lill-Qorti li d-dokument allegatment iffirmat minn Dr. Raisa Said huwa falsifikat iżda ma nġiebu ebda provi kwalsiasi mill-Prosekuzzjoni li juru li kienet l-imputata ad esklużjoni ta' xi ħaddieħor li ffirmat li kienet l-awtriċi tal-falsfikazzjoni jew kellha xi sehem fit-tfassil u produzzjoni tad-dokument. Kemm hu hekk, ġie eskluż espressament mill-Prosekuzzjoni li l-imputata iffalsifikat il-firma fuq dan iċ-ċertifikat. Dan jirriżulta mid-dikjarazzjoni magħmula mill-Prosekuzzjoni fir-risposta ppreżentat fit-22 ta' Settembru 2023 fejn intqal hekk : *"Il-Pulizija ma għandhiex suspett illi l-firma fuq id-dokument 'Case Summary' setgħet ġiet iffirmata mill-imputat Josephine Spagnol.*"

Safejn għandhom x'jaqsmu d-dokumenti l-oħrajn li jifformaw parti mill-file Dok. MB2, konsistenti f'ċertifikati mediċi u Electroencephalogram (EEG) reports – ħlief għat-tliet kopji ta' ċertifikati maħruġin minn Dr. Mark Xuereb[7] - il-Prosekuzzjoni seħħilha wkoll tipprova li d-dokumenti huma falsifikati, għaliex ġie stabbilit inkonfutabbilment li ebda wieħed minnhom ma ġie miktub, maħruġ u jew ġie ffirmat

[4] Paġna 48, f'Dok. MB2.
[5] Dr. Maria Mallia fix-xhieda tagħha ma għamlet ebda riferenza għaċ-ċertifikat in diżamina minkejja l-fatt li l-konsulent indikat fid-dokument huwa 'Dr. M. Mallia'.
[6] Ara Reġistru Dok. AC2 u xhieda Dr. Valerie-Ann Fenech, 19 ta' Settembru 2023. Dr. Valerie Ann Fenech, fix-xhieda tagħha, ikkonfermat li n-numru ta' reġistrazzjoni medika 3147 jgħajjat lilha u mhux lil Dr. Raisa Said u ma kienetx ħarġet id-dokument u ma kellhiex x'taqsam bl-ebda mod miegħu.
[7] 'Dok. X' – paġna 53 sa paġna 55: dawn huma awentiċi għaliex ġew ikkonfermati minn Dr. Mark Xuereb innifsu fix-xhieda tiegħu.

mit-tabib li lilu jew lilha ġew attribwiti, rispettivament[8]. Dawn it-tobba lkoll xehdu quddiem il-Qorti u kkonfermaw li l-imputata qatt ma kienet pazzjenta tagħhom u jew qatt ma għamlet ebda wieħed mit-testijiet li dwarhom inħarġu l-EEG reports allegatament maħruġa minn 'Dr. M. Vella' u 'Dr. M. Mallia'.

Madankollu hawnhekk ukoll il-Prosekuzzjoni naqset b'mod assolut milli tistabbilixxi li kienet l-imputata il-persuna li pproduċiet, fasslet jew ħarġet dawn id-dokumenti, iffalsifikat xi parti mill-kontenut tagħhom, jew li kellha b'xi mod ieħor taqsam mal-falsifikazzjoni ta' xi wieħed minn dawn id-dokumenti. Kif taraha l-Qorti, il-fatt li d-dokumenti falsifikati jifformaw parti mill-file tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali dwar l-applikazzjoni tal-imputata u l-fatt li b'hekk jeżisti ness bejn l-istess dokumenti falsfikati u l-applikazzjoni ffirmat mill-imputata b'dikjarazzjoni li hija tbati mill-kundizzjoni tal-epilepsija, mingħajr iktar, m'huwiex biżżejjed għall-prova skont il-liġi li l-imputata kienet l-awtriċi tad-dokumenti falsifikati.

Lanqas ġie riskontrat xi prova li dawn id-dokumenti jew xi wieħed minnhom kien fil-pussess tal-imputata. Ibda biex ma kienx ġie stabbilit mill-Pulizija waqt l-investigazzjonijiet u lanqas jirriżulta mill-provi proċesswali, min kienet il-persuna li attwalment sottomettiet l-applikazzjoni lid-Dipartiment, jekk din ġietx sottomessa fiżikament jew b'mod diġitali, u kif effettivament waslu għand id-Dipartiment iċ-ċertifikati u rapporti falsifikati[9]. Iktar minn hekk, l-Uffiċjal Prosekutur fix-xhieda tiegħu[10] mhux biss eskluda li ċ-ċertifikati u rapport mediċi falsifikati kienu nstabu fil-mobile phone tal-imputata jew f'xi apparat elettroniku ieħor tagħha konfiskat mill-Pulizija, iżda wkoll ikkonferma li ċ-ċertifikati mediċi falsifikati li ġew attribwiti lil Dr. Ruth Galea u Dr. Raisa Said (li insabu fil-file tal-imputata fid-Dipartiment tas-Soċjali)

---

[8] Ara xhieda ta' Dr. Maria Mallia in kwantu d-dokumenti ossia EEG reports li jinsabu f'paġna 50 u paġna 52 tal-atti; ix-xhieda ta' Dr. Ruth Galea in kwantu d-dokument datat 11 ta' Jannar 2019 li jinsab f'paġna 49 f'Dok. MB2 u x-xhieda ta' Dr. Malcolm Vella in kwantu ċ-ċertifikat f'paġna 49 u l-EEG report f'paġna 51 tal-atti.

[9] L-opinjoni ta' Martin Buhagiar li l-kopji taċ-ċertifikati falsifikati kienu ġew sottomessi quddiem il-Medical Panel, ma tikkostitwixxix prova skont il-liġi u f'kull każ, ix-xhud ma kienx parti mill-Medical Panel u ma kienx irċeiva l-applikazzjoni tal-imputata hu stess. Iktar minn hekk, Dr. Mark Bugeja wieħed mit-tobba fil-Medical Panel li evalwa l-applikazzjoni tal-imputata, ma setax jiftakar jekk il-kopji taċ-ċertifikati u rapporti mediċi li kellhom jiġu eżaminati mill-Medical Panel, kienux diġa' fil-file tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali jew jekk ġewx prodotti mill-imputata waqt il-laqgħa mal-panel.

[10] Xhieda 31 ta' Ottubru 2024.

kienu ġew identifikati mill-Pulizija fil-computer ta' Dr. Silvio Grixti, it-tabib li ffirma l-applikazzjoni tal-imputata għall-ħlas tal-assistenza għal diżabilita' severa.

Għaldaqstant, l-imputata ma tistax tinsab ħatja bħala l-awtur tar-reati ta' falsifikazzjoni taħt l-artikoli 167 u 183 tal-Kodiċi Kriminali, li dwarhom ġiet mixlija fl-ewwel u fit-tielet imputazzjonijiet, u dan mingħajr qies tal-fatt illi evidentement, dokumenti falsifikati konsistenti f'ċertifikati mediċi ma jissodisfawx l-element materjali tax-xorta tad-dokument li dwaru huwa maħsub ir-reat ta' falsifikazzjoni taħt l-artikolu 167 u l-artikolu 183 tal-Kodiċi Kriminali[11].

Ikkunsidrat;

L-imputata qed tiġi mixlija bir-reat taħt l-artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali, ċioe' li xjentement għamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tat tagħrif falz f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għaliha innifisha jew għal ħaddieħor.

Jeħtieġ għalhekk qabel xejn li jiġi stabbilit f'liema dokumenti jirriżulta li seta' sar xi stqarrija jew dikjarazzjoni mill-imputata jew li fih xi tagħrif falz.

In kwantu d-dikjarazzjoni ffirmata mill-imputata fis-26 ta' Novembru 2018, formanti parti mill-applikazzjoni sottomess f'isimha għall-ħlas ta' assistenza għal persuna li għandha dizabilita' severa[12], il-Qorti tagħmel is-segwenti osesrvazzjonijiet.

L-imputata, sija fl-istqarrija li rrilaxxat meta ġie interrogata fit-3 ta' April 2023, kif ukoll b'dikjarazzjoni reġistrata mid-difensur tagħha fil-verbal tas-seduta tad-19 ta' Settembru 2023 u fil-verbal tas-26 ta' Settembru 2023, ammettiet li l-firma fl-aħħar paġna tal-applikazzjoni bid-data tas-26 ta' Novembru 2018[13], hija tagħha. Mhux

---

[11] Falsifikazzjoni ta' polza, ċedula jew dokumenti li meta jiġu ppreżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas; u atti pubbliċi, kummerċjali jew ta' bank privat.

[12] Paġna 68 tal-atti tal-kompilazzjoni, Dok. MB2.

[13] Paġna 68 *ibid.*

kontestat illi bil-firma tagħha, l-imputata ikkonfermat espressament illi sa fejn taf hi, it-tagħrif kollu mogħti fl-applikazzjoni huwa komplet u korrett.

Fl-applikazzjoni ġie indikat espressament bħala l-kundizzjoni li minħabba fiha l-applikant kellha titqies bħala persuna gravement disabilitata, il-kundizzjoni deskritta bħala '*Epilepsy with a frequency of attacks exceeding four per month, which condition is confirmed by appropriate investigations including an electrocephalogram and so certified by a neurologist or psychiatrist provided that the person concerned is not in possession of a driving licence*'. Din hija riproduzzjoni *verbatim* tal-artikolu 2(e) tal-Att dwar is-Sigurta' Soċjali (Kap. 318) li jfisser 'persuna gravement disabilita' bħala persuna li għad għandha tul ta' ħajja raġonevoli, jew li ssir hekk inkapaċi meta jkollha l-età li tagħmel hekk, minħabba disabilità permanenti li jirriżulta, fost oħrajn, mill-kundizzjoni tal-epilepsija kif ġie deskritt fil-paragrafu (e) fuq imsemmi.

Fl-istess applikazzjoni f'isem l-imputata, ingħata wkoll is-segwenti tagħrif addizzjonali, li jidher li nkiteb mhux mill-imputata iżda minn Dr. Silvio J. Grixti, li l-imputata stqarret li huwa t-tabib tal-familja tagħha, li wkoll iffirma u ttimbra s-sezzjoni intitolata "*Other condition/s not mentioned above or any additional information*" bid-data 21 ta' Novembru 2018: "*Patient has since a young age sufffered from seizures and since then has been on treatment. Recently having flare ups and falls. Was admitted for a subdural haematoma.*"

Mix-xhieda ta' Dr. Malcolm Vella u Dr. Anthony Galea Debono, l-espert mediku ġudizzjarju, huwa stabbilit illi dijanjosi ta' epilepsija jista' jiġi kkonfermat biss minn analiżi tar-rizultat ta' test magħruf bħala *electroencephalogram* (EEG) u jekk ma jkunx sar test bħal dak, ma jistax jiġi konfermat jekk il-pazzjent ibatix mill-epilepsija. Għalkemm fil-file Dok. MB2 insibu tliet rapporti msejħin 'EEG', l-ebda wieħed minn dawn ir-rapporti m'hu iffirmat mit-tabib li suppost ħariġhom u iktar minn hekk, l-espert mediku ġudizzjarju, Dr. Anthony Galea Debono ikkonferma fix-xhieda tiegħu li minn eżami tar-records fl-Istpar Mater Dei, jirriżulta l-imputata qatt ma sarilha

electroencephalogram (EEG) u għalhekk ma jistax jiġi konfermat b'ċertezza d-dijanjosi ta' attivita' epileptika fil-każ tagħha.

Madankollu, fl-istess waqt, fir-relazzjoni tiegħu l-espert mediku ġudizzjarju kkostata illi l-imputata tbati minn "*psychogenic non-epileptic seizures (PNES), also known as pseudo-seizures*." Barra minn hekk, jirriżulta li l-imputata kienet pazzjenta privata tal-psikjatra Dr. Mark Xuereb, li fix-xhieda tiegħu ikkonferma li mill-eżamijiet li kien wettaq fuq l-imputata huwa kien għamel dijanjosi ta' encephalopathy u kien ikkostata wkoll li b'riżultat tal-kundizzjoni tal-encephalopathy, l-imputata kienet qed tbati minn episodji fejn kien ikollha ħass ħazinijat u taqa' mal-art, liema episodji huwa kkostata li kienu ta' natura epileptika. Għalkemm huwa xehed ukoll li ma setax jiċċertifika jekk l-imputata kienetx tbati minn episodji ta' epilepsija iktar minn erba' darbiet fix-xahar u lanqas seta' jikkostata l-frekwenza ta' dawn l-episodji għaliex "*it is impossible to say ... how many episodes you get in a month ... għaliex hemm varjanti*", huwa kien ippreskrivilha mediċina tat-tip *anti-epileptic* u kkonferma illi l-mediċina kienet bdiet ikollha effett tant illi l-imputata baqgħet "*in remission*" għal xi snin[14]. Kien irrifera lill-imputata wkoll għand newrologu biex isiru testijiet (EEG) iżda dawn kienu għadhom ma sarux.

Il-Qorti tqis illi m'huwiex raġjonevoli li wieħed jistenna illi l-imputata, li m'hijiex persuna li jidher li għandha xi livell għoli ta' edukazzjoni[15], tkun taf li biex jiġi konfermat dijanjosi ta' epilepsija jeħtieġ li jkun sarilha electroencephalogram (EEG), wisq inqas kellha tkun taf li dawn it-testijiet isiru biss fl-Isptar jew fi klinika privata u mhux għand psikjatra[16]. Lanqas jista' wieħed jistenna, raġjonevolment, li l-imputata tkun taf id-differenza bejna attakk ta' natura epileptika u *psychogenic non-epileptic seizures* li l-espert mediku ġudizzjarju kkostata li tbati bihom.

---

[14] Dan ġie affermat mill-imputata fl-istqarrija tagħha fejn qalet li bdiet tmur għall-aħjar bil-mediċina tal-'fits'.
[15] Stqarret li ma tafx taqra bl-Ingliż, filwaqt li ħarsa lejn l-employment history tagħha turi li l-impiegi tagħha kienu kollha jinvolvu xogħol menjali.
[16] Ara, *inter alia*, xhieda ta' Dr. Malcolm Vella.

Dr. Mark Xuereb xehed ukoll li kien joħroġ ċertifikat kull meta l-imputata kienet tmur għandu biex jinvistaha, u kkonferma li ċ-ċerifikati datati 17 ta' Jannar 2019, 24 ta' Novembru 2018 u fit-22 ta' Jannar 2019 li lkoll jinsabu fil-file Dok. MB2, kien ħariġhom hu u huma ffirmati minnu. Dawn iċ-ċertifikati jinsabu kollha fil-file tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali (Dok. MB2) miġburin flimkien mad-dokumenti l-oħra li ġie stabbilit li huma ċertifikati falsifikati. Fiċ-ċertifikat datat 17 ta' Jannar 2019 (Dok. X[17]), maħruġ qabel il-laqgħa tal-imputata mal-Medical Panel[18] li jirriżulta li l-istess Dr. Mark Xuereb iċċertifika hekk fir-rigward tal-imputata: "(she) *suffers from anxiety, depression, low self esteem as well as epilepsy post encephalopathy (x 18 years). ... Her fits preclude her from livng a fully integrated life*".

Minn dan kollu jikkonsegwi illi fid-data li ffirmat id-dikjarazzjoni fl-applikazzjoni, l-imputata kienet diġa' fil-pussess ta' ċertifikat miktub mill-psikjatra privata tagħha, Dr. Mark Xuereb, fejn iċċertifika li "*She suffers from encephalopathy-induced fits ...*"[19] u l-Qorti ma tarax l-għala hija kellha tiddubita mid-dijanjosi tal-psikjatra privata tagħha li fix-xhieda tiegħu, ikkonferma li mill-eżamijiet li għamel seta' jikkostata li tbati minn epilepsija.[20] Wara kollox, id-deċiżjoni tal-pazzjent li jafda b'mod assolut lit-tabib tiegħu u jħallih jieħu deċiżjoni medika mingħajr ma jitlob jew jikseb informazzjoni addizzjonali dwar id-dijanjosi tal-kundizzjoni jew l-għoti tat-trattament, jirreintra pjenament fil-jedd ta' awto-determinazzjoni spettanti lil kull pazzjent. Ukoll, ir-regolament 17 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 464.17[21] jistipola illi l-firma jew ħruġ minn tabib ta' ċertifikat jew rapport li fih stqarrijiet foloz jew stqarrijiet li jaf li huma kapaċi jiżvijaw, jista' jwassal għat-tħssir ta' ismu mir-Reġistru tal-Kunsill Mediku u għalhekk, l-imputata ma kellhiex għalfejn tobsor li ċ-ċertifikat maħruġ mill-pskijatra privata tagħha kien skorrett jew ħażin.

Wisq inqas kellha l-imputata tiddubita mid-dijanjosi magħmul mit-tabib tal-familja tagħha, Dr. Silvio Grixti – it-tabib li hi u l-familja tagħha kienu ilhom diversi snin

[17] Paġna 53.
[18] 7 ta' Marzu 2019.
[19] Kundizzjoni newroloġika fil-moħħ – ara xhieda Dr. Mark Xuereb.
[20] Il-fatt li Dr Mark Xuereb ikkonduċa testijiet "bil-wires" ġie affermat ukoll minn Dr. Anthony Galea Debono.
[21] Avviż Legali 303/2008.

jagħmlu użu mis-servizzi tiegħu – li s-*seizures* li kien ilha tbati minnhom minn żgħożitha huma attakki ta' epilepsija u mhux ta' xort'oħra. Fil-fatt, Dr. Mark Xuereb ikkonferma illi l-imputata ġiet riferuta lilu bħala pazzjent minn Dr. Silvio Grixti sabiex jagħmel l-aċċertamenti neċessarji dwar l-attakki ("*seizures*", "*fits*") li kienet tbati bihom u fir-rigward, kien tah ukoll l-istorja medika kollha tagħha. Dan ġie mistqarr ukoll mill-imputata waqt l-interrogazzjoni, fejn fissret li Dr. Silvio Grixti kien bagħatha għand Dr Mark Xuereb privatament għaliex ħaseb li x'aktarx tbati minn "*fits*", u kellha wkoll dipressjoni. Spjegat li tuġagħha rasha ħafna u minkejja l-mediċina li kien jippreskrivilha Dr. Grixti l-uġigħ ma kienx ibatti u ma kienx ħalliha tmur titgħallem issuq minħabba l-isturdamenti li kien ikollha.

B'żieda ma' dan għandu jingħad ukoll li kollox jindika li kien Dr. Silvio Grixti li mela u ffirma l-ewwel parti tal-applikazzjoni li fiha l-indikazzjoni tal-kundizzjoni tal-epilepsija bħala waħda li tbati biha l-istess imputata[22], kif ukoll id-deskrizzjoni tal-irqaqat tal-kundizzjoni taħt is-sezzjoni intestata '*Other condition/s not mentioned above or addittional information*'[23]. Għalhekk jekk tassew id-dikjarazzjoni li saret fl-applikazzjoni minn Dr. Silvio Grixti illi l-imputata tbati mill-kundizzjoni tal-epilepsija, m'hijiex korretta, ma jfissirx li l-imputata kienet taf jew setgħet raġjonevolment tkun taf li dan it-tagħrif ma kienx korrett jew falz u dan fl-isfond ta' dak kollu fuq ikkunsidrat.

Għalkemm huwa minnu li l-imputata kkonfermat fid-dikjarazzjoni minnha ffirmat fis-26 ta' Novembru 2018, li safejn taf hi, it-tagħrif mogħti, inkluż għalhekk l-indikazzjoni li tbati bl-epilepsija, huwa minnu, u għalhekk s'intendi ikkonfermat li tbati mill-kundizzjoni tal-epilepsija meta jirriżulta li din id-dijanjosi qatt ma setgħet issir għaliex qatt ma saru t-testijiet opportuni, biex tinstab ħtija għar-reat taħt l-artikolu 188 tal-Kap. 9 jeħtieġ, naturalment u f'kull każ, jiġi ppruvat l-element formali tar-reat ċioe' li d-dikjarazzjoni saret mill-imputata dolożament, bix-xjenza li kienet qed tagħmel dikjarazzjoni falza jew tagħti tagħrif li huwa falz. Iżda, kif taraha l-Qorti,

[22] Paragrafu 'e' fl-ewwel faċċata ta-applikazzjoni, paġna 63 tal-atti tal-kompilazzjoni.
[23] It-tieni faċċata tal-applikazzjoni, paġna 64

meta wieħed iqis li l-espert mediku ġudizzjarju stess ikkostata li l-imputata ilha tbati għal diversi snin minn *pseudo-seizures*, kienet diġa' fiż-żmien tad-dikjarazzjoni fil-pussess ta' ċertifikat tal-psikjatra privata tagħha li hija tbati minn "*encephalopathy-induced fits*", liema attakki wkoll kienu ġew deskritti lilha mit-tabib tal-familja tagħha bħala "*fits*", ma tistax tkun moralment konvinta la li kienet l-imputata li għamlet dikjarazzjoni falza, wisq inqas li din saret mill-imputata bix-xjenza li kienet qiegħda tagħmel dikjarazzjoni falza. Kemm hu hekk, meta ġiet mistoqsija fl-interrogazzjoni[24] jekk tafx x'ifisser epilepsija, wieġbet "*Mhux li jtini ħass ħażinijiet u hekk?*"

Għall-bqija, ma ntweriex li sar xi dikjarazzjoni oħra fl-applikazzjoni li m'hijiex korretta jew li hija addirittura falza u lanqas ġie ppruvat illi ċ-ċertifikati foloz kienu ġew effettivament sottomessi flimkien jew li kienu mehmużin mal-applikazzjoni u mhux prodotti direttament lill-Medical Panel[25].

In kwantu għad-dokument konsistenti fir-rapport tal-Medical Panel, ma jirriżultax li dan fih xi dikjarazzjoni li saret mill-imputata.

Miżmum ferm dan kollu, il-Qorti tqis li ma jirriżultax sodisfaċjentement illi l-imputata għamlet dikjarazzjoni falza f'dokument maħsub għal awtorita' pubblika, ossia fl-applikazzjoni li ġiet sottomessa f'isimha lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali u lanqas m'hi konvinta li jekk għal mument kellu jiġi aċċettat li tat xi tagħrif falz, dan għamlitu dolożament ċioe' bix-xjenza li t-tagħrif mogħti fl-applikazzjoni kien falz.

Għalhekk l-imputata ma tistax tinsab ħatja tar-reat taħt l-artikolu 188 tal-Kap. 9, li għamlet dikjarazzjoni falza f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika jew f'xi dokument ieħor.

Ikkunsidrat;

---

[24] 3 ta' April 2019.

[25] Ara xhieda ta' Martin Buhaġiar in kontro-eżami, li esprima l-fehma li ċ-ċertifikati foloz ġew sottomessi direttament lill-Medical Panel.

L-imputata ġie mixlija wkoll bir-reat taħt l-artikolu 184 tal-Kap. 9, li jippunixxi kull persuna li xjentement tagħmel użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel tas-Sub-Titolu II tat-Titolu V (Dwar id-Delitti kontra l-Fiduċja Pubblika). L-atti, kitbiet u skritturi foloz li jissemmew fl-artikoli ta' qabel l-artikolu 184 fis-Sub Titolu appena msemmi huma dawk imsemmija fl-artikoli 179 sa 183 tal-Kodiċi Kriminali ċioe' dawk li jiġu falsifikati minn uffiċjal jew impjegat pubbliku fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tiegħu (art. 179), atti li jinbidlu fis-sustanza jew iċ-ċirkostanzi tagħhom b'qerq minn uffiċjal jew impjegat pubbliku meta dawk l-atti jidħlu fid-dmirijiet tal-kariga tiegħu (art. 180); kopji legali ta' skritturi li joħorġu minn taħt l-idejn ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku bis-saħħa tal-kariga tiegħu meta dawk l-iskritturi ma jkunux jeżistu (art. 182); u atti awtentiċi u pubbliċi jew skritturi kummerċjali jew ta' bank privat.

Id-dokumenti li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li huma falsifikati huma dawk li jinsabu fil-file tal-imputata fid-Dipartiment tas-Siġurta' Soċjali u li qed jiġi allegat li ntużaw b'rabta mal-applikazzjoni tagħha biex titqies bħala persuna gravement disabilitata. Iżda, fil-fehma tal-Qorti, ebda wieħed minn dawn id-dokumenti, li jikkonsistu f'ċertifikati u rapporti mediċi foloz, ma jiffigura bħala att, kitba jew skrittura li jiġi falsifikat minn impjegat jew uffiċjal pubbliku b'wieħed mill-mezzi maħsuba fl-artikoli appena msemmija.

L-imputata ġiet mixlija wkoll bir-reat taħt l-artikolu 169 tal-Kodiċi Kriminali ċioe' l-użu minn waħda mill-karti msemmijin fl-artikoli 166, 167 u 168 tal-istess Kodiċi. Iżda l-Avukat Ġenerali, fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju indika biss, għall-fini ta' ħtija għar-reati ta' falsifikazzjoni, ir-reat taħt l-artikolu 167 għall-fini tar-reat taħt l-artikolu 169 tal-Kodiċi Kriminali.

Fil-fehma tal-Qorti, ċertifikat jew rapport mediku – li huwa l-uniku xorta ta' dokument li ġie ppruvat li ġie falsifikat – ma jistax jitqies bħala xi dokument minn dawk imsemmija fl-artikolu 167 tal-Kap. 9 għaliex m'huwiex "*ċedula, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas*" u

m'huwiex lanqas "*att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat*" ai termini tal-artikolu 183 tal-istess Kap. 9.

L-Avukat Ġenerali ma akkużax lill-imputata bir-reat taħt l-artikolu 189 tal-Kap. 9 li jinsab fid-dispożizzjonijiet ġenerali li jgħoddu għat-Titolu V tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi (Fuq id-Delitti kontra l-Fiduċja Pubblika) u li jipotetizza r-reat tal-falsifikazzjoni ta' kull dokument ieħor mhux imsemmi fid-dispożizzjonijiet ta' qabel fl-istess Titolu V, u l-użu ta' kull dokument bħal dak.  Kif rajna, l-Avukat Ġenerali, fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju indika biss, għall-fini ta' ħtija għar-reati ta' falsifikazzjoni, ir-reati taħt l-artikoli 167 u 183 tal-Kodiċi Kriminali.

Għaldaqstant l-imputata ma tistax tinsab ħatja tar-reat taħt l-artikoli 169 u 184 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

L-imputata qed tiġi mixlija bir-reat ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali, u b'mod alternattiv, bir-reat minuri taħt l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmela German** deċiż fit-30 ta' Diċembru 2004, intqal:

*In tema legali gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby*** *li:*

*"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq,* ***liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali*** *bil-konsegwenti qligh ghall-agent (Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll* ***Il-Pulizija v. Daniel Frendo****, App. Krim., 25/3/94). Dan it-*

*telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma,* ***proprju ghax tkun giet ingannata****, volontarjament taghti xi haga lill-agent).”* (enfasi ta’ din il-Qorti)

Minn dan, u skont kif inhu paċifikatament assodat fil-ġurisprudenza prevalenti in materja, sabiex tinstab ħtija għar-reat ta’ truffa jeħtieġ li jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm rabta bejn is-suġġett attiv u is-suġġett passiv tar-reat u cioe’ bejn l-aġent tar-reat u l-vittma. Hemm imbagħad l-element materjali ta’ dan r-reat u cioe’ l-użu ta’ ingann, raġġiri jew artefizji, li jwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Dawn il-manuvri jridu jkunu ta’ natura li jimpressjonaw bniedem ta’ intelliġenza ordinarja u jridu jkunu frawdolenti fis-sens li jeħtieġ li jkunu użati sabiex jipperswadu lis-soġġett passiv jagħmel jew ma jagħmilx xi ħaġa li twassal għal telf patrimonjali.

Dwar l-artifizzji intqal[26] illi “*hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta’ l-iffrodat.*”

Irid jiġi ppruvat b’mod speċifiku illi l-ingann u l-qerq adoperat mill-aġent tar-reat effettivament wassal lill-vittma biex tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġabitilha t-telf patrimonjali; għalhekk irid jiġi ppruvat li t-telf partimonjali soffert mill-vittma kien il-konsegwenza diretta tal-qerq perpetrat. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Maria Xuereb et**[27], il-Qorti tal-Appell Kriminali eżaminat l-elementi rikjesti sabiex jissussisti r-reat ta’ frodi u ċitat mis-sentenza tal-istess Qorti tat-22 ta’ Frar 1993, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Charles Zarb**, is-segwenti bran minn sentenza tal-Corte di Cassazione Penale (Sez. II 3 ottobre 2006 n.34179) fejn intqal:-

“*I tre momenti di cui si compone il reato e’ cioe’ la produzione dell’artificio, nella* ***successive induzione in errore*** *e nella conseguenziale produzione dell’ingiusto profitto per l’agente.*” (enfasi ta’ din il-Qorti)

---

[26] **Il-Pulizija vs. Charles Zarb**, ċitat b’approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Omissis, Omar Caruana u Omissis** deċiż nhar l-14 ta’ Lulju 2020

[27] Deċiża fit-22 ta’ Settembru 2016.

Ċitat ukoll minn sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Patrick Spiter**i deċiża fit-22 ta' Ottubru 2004 fejn il-Qorti għamlet riferenża għat-tagħlim ta' Francesco Antolisei:-

"*L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale,* ***come conseguenza dell'inganno*** *e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."* (enfasi ta' din il-Qorti)

Hija meħtieġa wkoll il-prova dwar l-element formali tar-reat konsistenti fid-*dolo* ossia fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna sabiex jikseb profitt jew vantaġġ għalih innifsu bit-telf konsegwenzjali għall-vittma tar-reat[28].

Jekk xi wieħed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jissussisti.

Fir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat)[29] taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9 ir-"raggiri" jew l-"artifizji" (dak li fid-dottrina jissejjaħ ukoll *mise en scene*) m'humiex fost l-elementi kostituttivi tar-reat u allura anke gidba sempliċi hija biżżejjed għall-kommissjoni ta' dana ir-reat, basta li din tkun saret bi ħsieb frawdolenti

---

[28] Fir-rigward ingħad:- *"... illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu, ikun konxju tal-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*- **Il-Pulizija vs. Charles Zarb**, *ibid*.

[29] Ara, fost ohrajn, **Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis**, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; **Il-Pulizija v. Francesca Caruana**, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll **Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer**, App. Krim., 3/3/56).

u twassal sabiex il-vittma u ċioe' is-suġġett passiv ta' dan ir-reat isofri xi telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment għal min jgħid dik il-gidba[30]. .

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni et**[31] riteniet-

"*Kwantu ghall-kwistjoni mqajjma mill-appellanti u cioe` jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe` tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min-naha l-ohra."* (enfasi ta' din il-Qorti)

Ikkunsidrat;

Mill-kumpless tal-provi proċesswali huwa stabbilit illi ċ-ċertifikati u rapporti falsifikati jifformaw parti mill-file tal-imputata fid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali b'rabta mal-applikazzjoni sottomess f'isimha għall-ħlas tal-assistenza għal persuna gravement disabilitata.  Il-Prosekuzzjoni tisħaq li dawn id-dokumenti nġiebu a konjizzjoni tat-tobba fuq il-Medical Panel li evalwa din l-applikazzjoni u illi l-istess Panel iddeċieda li jiċċertifika lill-imputat bħala persuna li għandha diżabbilita' severa sewwsew minħabba li ġie żgwidat miċ-ċertifikati falsifikati li juru falzament li l-imputata tbati mill-kundizzjoni epilepsija.

Mhux kontestat li ċ-ċertifikati u rapporti falsifikati jinsabu fil-file tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali dwar l-applikazzjoni tal-imputata għall-ħlas tal-assistenza għal diżabilita' severa.  Mhux kontestat lanqas li l-applikazzjoni tal-imputata ġiet approvata

---

[30] Ara sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmela German**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri 30.12.2004.

[31] Deċiża 9 ta' Ġunju 1998.

mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali u l-imputata bdiet tirċievi l-ħlas tal-assistenza, għaliex il-Medical Panel iċċertifika li hija persuna gravement disabilitata minħabba li tbati mill-kundizzjoni tal-epilepsija kif definit fil-paragrafu 'e' tar-rapport tal-istess Medical Panel[32].

Madankollu, għalkemm huwa stabbilit illi ċ-ċertifikati falsifikati jifformaw parti mill-file tal-imputata mad-Dipartiment tas-Siġurta' Soċjali, ma jirriżultax konklussivament mill-ġabra tal-provi li d-dokumenti falsifikati jifformaw parti mill-file tal-imputata għaliex ġew sottomessi flimkien mal-applikazzjoni oriġinali ffirmat minn Dr. Silvio Grixti, jew għaliex ingħataw lill-Bord Mediku matul il-laqgħa li nżammet mal-imputata in konnessjoni mal-applikazzjoni tagħha, fis-7 ta' Marzu 2019, jew għaliex ġew sottomessi fi stadju ieħor tal-proċess.

M'huwiex stabbilit sodisfaċjentement lanqas jekk tabilħaqq il-Medical Panel eżaminax xi dokumenti, fosthom iċ-ċertifikati falsfikati, u fl-affermattiv liema kienu dawk id-dokumenti li fformaw il-bażi tad-deċiżjoni tiegħu li jiċċertifika lill-imputata bħala persuna b'diżabilita' severa minħabba l-kundizzjoni tal-epilepsija. Dan qed jingħad għaliex Dr. Mark Bugeja fix-xhieda tiegħu ma identifika ebda dokument minn dawk li suppost ġew prodotti lill-Medical Panel jew li ġew sottomessi mal-applikazzjoni tal-imputata, bħala dokument li kien inġieb għall-attenzjoni tiegħu u jew li abbażi tiegħu il-Panel iċċertifika li l-imputata hija persuna b'diżabilita' severa kif definit fil-liġi dwar is-sigurta' soċjali.

Jirriżulta wkoll mill-provi proċesswali[33] li l-Medical Panel ma jżomm ebda notament dwar id-dokumenti li jiġu sottomessi lilu jew liema dokumenti jkunu tqiesu minnu bħala prova tajba tal-kundizzjoni li minħabba fiha l-applikant jikkwalifika bħala persuna b'diżabilita' severa. Fuq kollox, il-Qorti fehmet illi ma jinżamm ebda *chain of custody* tal-file tad-Dipartiment jew tal-movimenti tiegħu mid-Dipartiment għal għand il-Medical Panel u lura, u lanqas jinżamm reġistru tas-sottomissjoni ta'

[32] Ara paġna 61 u paġna 62 f'Dok. MB2.
[33] Ara xhieda ta' Martin Buhagiar in kontro-eżami.

dokumenti bid-data tas-sottomissjoni u l-isem tal-persuna li minnha jkunu ġew sottomessi jew xi indikazzjoni oħra tas-sekwenza tad-dokumenti.

Iżda anke jekk il-Qorti kellha taċċetta li d-deċiżjoni tal-Medical Panel kienet ibbażata fuq id-dokumenti u ċertifikati li jinsabu fil-file tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali (Dok. MB2) u li per konsegwenza, il-Medical Panel iċċertifika li l-imputata bħala persuna b'diżabilita' severa abbażi tad-dokumenti falsifikati li dwar testijiet li qatt ma saru fuq l-imputata, xorta waħda m'hija xejn affattu konvinta illi l-element tal-ingann - da parti tal-imputata - ġie ppruvat b'mod konvinċenti u konklussiv li ma jħallix lok għal dubju raġjonevoli fir-rigward.

Illi tibda biex tosserva li kif diġa' ġie stabbilit, l-imputata kellha f'idejha sa minn qabel is-7 ta' Marzu 2019, id-data tal-laqgħa li kellha mal-Medical Panel, minn tal-inqas tliet ċertifikati maħruġa, iffirmati u ttimbrati mill-psikjatra privata tagħha, Dr. Mark Xuereb, li lkoll jikkonfermaw li l-imputata tbati minn "*fits*", "*epilepsy post encelopathy*" u "*encelopathy induced fits*". Kienet diġa' bdiet ukoll tieħu tliet tipi ta' mediċina *anti-convulsant*[34].

Diġa' ġie stabbilit ukoll illi ma ġiex ippruvat kif imiss u b'mod konklussiv illi l-imputata, munita bid-dijanjosi tat-tabib tal-familja tagħha u iktar minn hekk, ċertifikati maħruġin mill-psikjatra privata tagħha, kienet taf li l-"*fits*" li tbati bihom m'humiex epilepsija, u lanqas m'hi raġjonevolment mistennija taf illi dijanjosi ta' epilepsija tista' ssir biss permezz ta' electrocephalogram, jew taf x'ifisser electrocephalogram (EEG).

Fil-fehma tal-Qorti l-fatt li l-imputata kienet pazzjenta ta' Dr. Silvio J. Grixti u setgħet għamlet kuntatt miegħu minnufih wara li ġiet interrogata mill-Pulizija in konnessjoni mal-falsifikazzjonijiet taċ-ċertifikati mediċi li ġew ippreżentati minnha jew għan-nom

---

[34] Ara rapport Dr. Anthony Galea Debono u kopja ta' ċertifikat ta' Dr. Mark Xuereb datat 29 ta' Jannar 2019, fejn irrapporta li l-imputata tbati minn epilepsija u dipressjoni – dan iċ-ċertifikat jifforma parti mir-relazzjoni Dok. AGD1. Dawn il-mediċini bdew jiġu dispensati lill-imputata mill-iskema Pharmacy of Your Choice f'Jannar 2019 – ara Dok JA1 u xhieda Jonathan Attard.

tagħha lid-Dipartiment tas-Siġurta' Soċjali, u talbitu biex iċemlilha urġentement[35], ukoll ma jagħmel xejn biex isawwar il-prova meħtieġa.

Ikkunsidrat ukoll illi l-funzjoni tal-Medical Panel b'rabta ma' applikazzjonijiet li jsiru lid-Dipartiment għall-ħlas ta' assistenza għal diżabilita' severa hija stabbilita mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 106(a) tal-Att dwar is-Sigurta' Soċjali (Kap. 318). Dan jiddisponi:

*"... jekk it-talba tkun għal ... Assistenza għal Disabilità Severa, ... id-Direttur għandu, qabel jagħti d-deċiżjoni tiegħu, ħlief jekk it-talba ma tintlaqax minħabba f'kondizzjonijiet statutorji oħra, jikkonsulta dwar l-aspetti mediċi tat-talba ma' persuna waħda jew iktar li jkollhom warrant biex jeżerċitaw il-professjoni medika magħżula minn fost panel ta' persuni maħtura mill-Ministru bil-għan li jagħtu parir dwar dawn il-każijiet, skont kif tkun teħtieġ in-natura tat-talba ..."*

Mill-provi proċesswali jirriżulta illi l-Medical Panel, fil-prattika, jiltaqa' mal-applikant u jevalwa l-każ konkret biex jiċċertifika jekk l-applikant ibatix minn waħda mill-kundizzjonijiet mediċi jew xi marda li jirrientraw fid-definizzjoni ta' "*persuna gravement disabilitata*" ai termini tal-artikolu 2 tal-Att. Il-Qorti fehmet illi ċ-ċertifikazzjoni magħmula mill-Medical Panel jikkostitwixxi l-parir li jiġi mogħti lid-Direttur qabel jagħti d-deċiżjoni dwar it-talba għall-ħlas tal-assistenza għal diżabilita' severa.

L-artikolu 2(e) tal-Att jiddisponi:

"*persuna gravement disabilitata" tfisser persuna li għad għandha tul ta' ħajja raġonevoli, jew li ssir hekk inkapaċi meta jkollha l-età li tagħmel hekk, minħabba disabilità permanenti li jirriżulta minn:*

… … …

[35] Ara xhieda ta' PS 1490 Rudy Karl Buttigieg u rapport Dok. RB1.

*(e) epilepsija bi frekwenza ta' attakki f'għadd ta' iktar minn erbgħa fix-xahar, b'dan li din il-kundizzjoni tiġi konfermata b'investigazzjonijiet xierqa inkluża elettroenċefalogramma u li tiġi hekk ċertifikata minn newrologu jew psikjatra li jkun jaħdem mal-Gvern kemm-il darba li dik il-persuna investigata ma jkollhiex liċenza tas-sewqan ..."*

Din id-definizzjoni statutorja hija riprodotta fil-paragrafi immarkati 'a' sa 'f' fir-rapport tal-Medical Panel[36], liema paragrafi huma riproduzzjoni *verbatim* tad-definizzjoni ta' persuna disabilitata gravament fl-rtikolu 2 Tal-Kap. 318.

Fil-każ in diżamina, il-Medical Panel kompost minn Dr. Mark Bugeja u Dr. Victor Muscat[37], iċċertifika fir-rapport tiegħu li l-imputata taqa' fid-definizzjoni ta' persuna gravement disabilitata għaliex hija tbati bil-kundizzjoni li hija deskritta fil-liġi u fil-paragrafu 'e' tar-rapport tal-Medical Panel bħala: "*Epilepsy with a frequency of atttacks exceeding four per month, which condition is confirmed by appropriate investigations including an electrocephalogram and so certified by a neurologist or psychiatrist provided that the person concerned is not in possessionof a driving licence*"

**Il-Qorti tosserva wkoll li skont kif jirriżulta mill-kondizzjonijiet statutorji, espressament riprodotti wkoll fil-formola tal-applikazzjoni sottomess f'isem l-imputata lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali kif ukoll fir-rapport tal-Medical Panel, sabiex applikant jista' jitqies bħala persuna gravement disabilitata għaliex ibati mill-epilepsija, jeħtieġ li jiġi prodott mhux biss ċertifikat ta' newrologu jew psikjatra li jikkonferma li l-applikant ibati minn epilepsija, iżda wkoll u b'mod speċifiku, ċertifikazzjoni li l-frekwenza tal-attakki teċċedi erba' attakki fix-xahar,**

---

[36] Paġna 61 tal-atti.

[37] Dr. Victor Muscat, it-tabib l-ieħor li kien ippresjeda l-Medical Panel li ċċertifika li l-imputata tbati minn diżabilita' severa, kien qed ibati minn dementia severa u għalhekk ma kienx f'qagħda li jixhed quddiem il-Qorti – ċertifikat f'paġna 419A tal-atti tal-kompilazzjoni.

**EEG report li jikkonferma d-dijanjosi tal-epilepsija u, b'żieda ma' dan kollu, prova li l-applikant m'huwiex fil-pussess ta' liċenza tas-sewqan**[38].

Kif rajna, mix-xhieda[39] jirriżulta li t-test imsejjaħ electroencephalogram (EEG) huwa indispensabbli sabiex isir u jiġi ċertifikat dijanjosi ta' epilepsija u minn dan il-Qorti fehmet li hija sewwasew din ir-raġuni l-għala l-liġi tas-sigurta' soċjali tesiġi espressament u b'mod speċifiku biex persuna tiġi ċertifikata li tbati mill-kundizzjoni tal-epilepsija għall-fini tal-ħlas tal-assistenza għal diżabilita' severa, jeħtieġ li jiġu prodotti "*investigazzjonijiet xierqa inkluża elettroenċefalogramma u li l-kundizzjoni tiġi hekk ċertifikata minn newrologu jew psikjatra*".

**Issa fil-każ in diżamina, diġa' ġie stabbilit illi ebda wieħed mit-tliet EEG reports li jinsabu fil-file tal-imputata fid-Dipartiment ts-Sigurta' Soċjali (Dok. MB2) - jew għaliex kienu sottomessi mal-applikazzjoni jew għaliex l-imputata pproduċiethom lill-Bord l-imputata nnifisha - ma huma ffirmati. Mhux hekk biss, jirriżulta wkoll li ma ġie prodott ebda dokument kwalsiasi lill-Medical Panel li jikkonferma li l-imputata m'hijiex fil-pussess ta' liċenża tas-sewqan**[40]**, u iktar minn hekk, mid-dokumenti mediċi kollha li jinsabu fil-file tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali dwar l-applikazzjoni tal-imputata, huma biss iċ-ċertifikati ta' Dr. Mark Xuereb u ċ-ċertifikat li juri l-firma ta' Dr. Ruth Galea – liema dokument kif ġie stabbilit qabel huwa falsifikat - li huma ffirmati u li nħarġu minn newrologu jew psikjatra. Madankollu, ebda wieħed minn dawn id-dokumenti ma jagħmel aċċenn għall-frekwenza tal-attakki tal-epilepsija u li dawn ikunu iktar frekwenti minn erba' darbiet fix-xahar.**

**Jikkonsegwi għalhekk u l-Qorti hekk fehmet, illi minn dak li jinsab stipolat espressament fl-applikazzjoni għall-ħlas tal-assistenza għal persuna disabilitata gravament u wkoll fir-rapport tal-Medical Panel, il-Medical Panel ma seta' qatt**

[38] Ara paġna 62 u paġna 63 Dok. MB2.
[39] Ara xhieda ta' Dr. Malcolm Vella u xhieda ta' Dr. Anthony Galea Debono (rapport Dok. AGD).
[40] Fil-fehma tal-Qorti, konferma ta' din ix-xorta setgħet issir validament mill-awtorita' responsabbli għat-trasport f'Malta. Ara wkoll xhieda ta' Dr. Malcolm Vella, 18 ta' Jannar 2024 "ma nagħmlux dawn l-affarijiet ma niktbux dawn l-affarijiet aħna" – b'riferenza għall-kliem "not fit to drive" (in bold).

**leġittimament jiċċertifika lill-imputata Josephine Spagnol bħala persuna b'diżabilita' severa minħabba l-kundizzjoni tal-epilepsija għall-fini tal-Att dwar is-Sigurta' Soċjali (Kap. 318) abbażi taċ-ċertifikati u rapporti li jinsabu fil-file tal-imputata fid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali (Dok. MB2), la dawk li huma falsifikati u lanqas il-kopji taċ-ċertifikati maħruġa minn Dr. Mark Xuereb**.

**Dan qed jingħad għaliex iċ-ċertifikati maħruġa minn Dr. Mark Xuereb, iċ-ċertifikat iffalsifikat ta' Dr. Ruth Galea u l-'Case Summary' iffirmat minn Dr. Raisa Said, ukoll iffalsifikat, ma jsemmu xejn fir-rigward tal-frekwenza tal-attakki tal-epilepsija, wisq inqas li dawn l-attakki jseħħu iktar frekwentement minn erba' darbiet fix-xahar, filwaqt li l-'Case Summary' li suppost ġie ffirmat minn Dr. Raisa Said, imkien ma jiċċertifika li l-pazzjenta tbati mill-epilepsija. Fuq kollox u f'kull każ, għalkemm Dr. Mark Bugeja xehed li ċ-ċerifikati jridu jkunu iffirmati u ttimbrati minn newrologu, ebda wieħed mill-EEG reports li kif rajna huma indispensabbli biex jiġi konfermat dijanjosi tal-kundizzjoni tal-epilepsija, ma huwa ffirmat.**

Fir-rigward, Dr. Maria Mallia xehdet b'mod skjett u kkonfermat li hija prassi ta' tobba li jiffirmaw ċertifikat li jkunu ħarġu, u fir-rigward tal-EEG reports, "*meta noħorġu jiena iva niffirmah*".

**B'applikazzjoni tal-kriterji statutorji, ribaditi fir-rapport tal-Medical Panel innifsu, il-Medical Panel lanqas seta' jieħu in konsiderazzjoni ċ-ċertifikat datat 11 ta' Jannar 2019 (del resto iffalsifikat) u allegatament iffirmat minn Dr. Ruth Galea, għaliex evidentement dan ma jiswix bħala konferma li l-imputata m'hijiex fil-pussess ta' liċenzja tas-sewqan.**

**B'żieda ma' dan kollu l-fatt li l-applikazzjoni nnifisha, f'paġna 2, ma ġietx iffirmata minn speċjalist kif meħtieġ espressament fl-applikazzjoni ('*Signature of Specialist*') iżda minn '*Primary Care Physician*' (Dr. Silvio J. Grixti), u għalhekk kellu jkun evidenti mill-bidu nett għall-addetti fl-amministrazzjoni tad-**

**Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali li l-applikazzjoni qatt ma setgħet titmexxa 'l quddiem.**

**Minn dan kollu jikkonsegwi illi anke jekk kellu jiġi aċċettat bħala fatt ippruvat li kienet l-imputata li kienet issottomettiet lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali jew lill-Medical Panel, iċ-ċertifikati u rapporti foloz li jinsabu fil-file tagħha[41], jibqa' l-fatt illi dawn id-dokumenti ma kienux idonei jew siewja, la individwalment u lanqas meħudin b'mod komplessiv, għall-fini taċ-ċertifikazzjoni tal-imputata bħala persuna gravement disabilitata skont il-liġi minħabba l-epilepsija. Għaldaqstant, il-Medical Panel ma seta' qatt oġġettivament u raġjonevolment jiċċertifika l-imputata biex titqies bħala persuna gravement disabilitata minħabba l-kundizzjoni tal-epilepsija skont il-liġi tas-sigurta' soċjali u jagħti parir f'dan is-sens lid-Direttur biex japprova t-talba tagħha.**

Illi applikat l-insenjament in materja tar-reat ta' frodi għall-fattispeċje tal-każ li għandha quddiemha, il-Qorti tqis li ġie ppruvat ness konkret bejn l-imputata u s-soġġett passiv tar-reat, id-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, għaliex bis-saħħa tal-applikazzjoni li ġie sottomess f'isimha lid-Dipartiment u abbażi ta' xi dokument jew ieħor li nstab fil-file tagħha, l-istess Dipartiment laqa' t-talba tagħha biex titqies bħala persuna gravement disabilitata u beda jħallasha assistenza għal diżabilita' severa fis-somma ta' €485.30 kull xahar. Dan mhux kontestat.

Il-provi, kif rajna diġa', jistabbilixxu wkoll illi wħud miċ-ċertifikati mediċi – iżda mhux kollha - li jinsabu fil-file tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali dwar l-applikazzjoni tal-imputata għall-ħlas ta' assistenza għal diżabilita' severa, huma falsifikati, u dan ifisser ukoll li huma riskontrabbli l-"*mezzi kontra l-liġi, ... użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz ...*" maħsuba espressment fl-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali bħala manifestazzjonijiet tar-raġġiri u artifizzji li jistgħu jiġu applikati għall-ingann tal-vittma.

---

[41] L-imputata stqarret b'mod speċifiku illi hija kienet tat lill-Medical Panel iċ-ċertifikati ta' Dr. Mark Xuereb.

**Iżda kif rajna wkoll, element ieħor materjali kostituttiv tar-reat ta' truffa kif ukoll ir-reat ta' frodi innominata, huwa t-telf patrimonjali subit mill-vittma tar-reat sewwasew bħala konsegwenza tal-ingann adoperat mill-aġent fil-konfront tiegħu. Fil-każ li għandha quddiemha, il-Qorti tqis fermement illi ma ġiex ippruvat sodisfaċjentement illi l-element tat-telf patrimonjali bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali seħħ sewwasew minħabba l-użu ta' egħmil qarrieqi da parti tal-imputata.**

Huwa evidenti, anke għall-Qorti li m'hijiex persuna medika, li ma kien hemm ebda dokument jew ċertifikat fost dawk li jinsabu fil-file tal-imputata fid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali (Dok. MB2) li seta' raġjonevolment iwassal żewġ tobba li kienu maħtura sewwasew biex jivverifikaw id-dokumentazzjoni prodotta, jikkonkludu li l-kundizzjoni tal-epilepsija msemmija fiċ-ċertifikati u rapporti, kienet tissodisfa l-kriterji statutorji ta' diżabbilita' severa għall-fini tal-assistenza maħsuba fil-liġi tas-Sigurta' Soċjali. Iżda ċertament l-imputata, li m'hijiex persuna medika u lanqas persuna li jidher li għandha xi livell għoli tal-edukazzjoni[42], m'hijiex mistennija tkun taf jekk il-kundizzjoni li tbati biha tissodisfax ir-rekwiżiti tal-liġi għall-eliġibbilita' bħala persuna b'diżabilita' severa, u l-Qorti taċċetta bħala ppruvat sal-grad tal-probabbli li hija qagħdet fuq il-pariri u ċertifikazzjoni tat-tabib tal-familja u l-psikjatra privata tagħha meta aċċettat li jiġi sottomess l-applikazzjoni relattiva lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali.

Għall-Qorti huwa ovvju li bħala persuni fil-professjoni medika u maħtura biex jaqdu kariga speċifika skont il-liġi, it-tobba fuq il-Medical Panel li evalwaw l-applikazzjoni tal-imputata, qatt ma setgħu, abbażi tad-dokumenti li kellhom quddiemhom, raġjonevolment isibu li l-imputata tbati minn epilpsija li tissodisfa l-kondizzjonijiet statutorji imsemmija wkoll fir-Rapport tiegħu, wisq inqas setgħu jiġu ingannati bid-dokumenti provduti lilhom b'rabta mal-applikazzjoni tal-imputata, anke jekk id-dokumenti kienu falsifikati ad insaputa tagħhom.

---

[42] Ara employment history Dok. LB1.

Il-Qorti ma tistax taċċetta bħala normali l-fatt li tobba, professjonisti gradwati fil-mediċina - li huma kwalifikati u mdorrija jiktbu huma stess ċertifikati mediċi u ilhom fil-professjoni diversi snin u iktar minn hekk, ilhom is-snin jifformaw parti mill-Medical Panel fejn ikunu maħturin biex jevalwaw is-siwi ta' ċertifikati u rapporti mediċi u jaraw li dawn ikunu konformi mhux biss, naturalment, ma' standards ġenerali fil-qasam mediku iżda b'mod speċifiku mal-kriterji imposti mil-liġi tas-sigurta' soċjali biex persuna titqies bħala persuna b'diżabilita' severa - ma jkunux kapaċi jirrikonoxxu li l-kondizzjonijiet statutorji tal-kundizzjoni, ma jkunux sodisfatti u li jaċċettaw ċertifikati mhux iffirmati u manifestament mankanti f'aspetti essenzjali.

Dr. Maria Mallia xehdet: "*pero anki kif inhu miktub, I would question it kieku rajtu. Li ħarġu xi ħadd ieħor"*.

Xehdet ukoll li mhux possibbli li żewġ EEG reports ikollhom l-istess numru għaliex kull test tal-EEG jingħata numru differenti, apparti l-fatt illi t-terminoloġija użata fir-rapporti m'hijiex dik li solitament tintuża minn newroloġisti: "*Jien għalija nżomm f'moħħi li l-EEG ħa jarah tabib li mhux newrologu allura fil-konklużjoni tiegħi nikteb konklużjoni li tista' tinftiehem minn tabib li mhux newrologu.*"[43]

Dr. Malcolm Vella, konsulent newrologu, b'riferenza għall-kopja taċ-ċertifikat datat 11 ta' Jannar 2019[44], xehed illi f'każ ta' epilepsija mhux kontrollata, fiċ-ċertifikat normalment jinkiteb: "*'she is having refractory epilepsy' mhux 'LOC episodes', dawn huma miktubin minn ma nafx min għax anqas taħsibhom dawn l-affarijiet aħseb u ara tiktibhom. .... ikolli ngħid ċerti affarijiet kieku jien fuq il-bord kont ninduna bihom iva maġistrat ...*"

Kemm hu hekk, il-Qorti ma tistax ma tgħidx li hija perplessa ferm kif it-tobba maħtura fil-Medical Panel biex jevalwaw l-applikazzjoni tal-imputata – professjonisti

[43] Xhieda tal-11 ta' Marzu 2024.
[44] Paġna 49 tal-atti (Dok. MB2).

fil-qasam mediku li kif rajna diġa', wieħed jistenna leġittimament li jkollhom għarfien dwar terminoloġija medika li tintuża f'ċertifikati tat-tobba u tar-rekwiżiti bażiċi ta' ċertifikat jew rapport mediku – mhux biss ma ntebħux li l-kriterji mediċi imposti mil-liġi b'rabta mal-kundizzjoni tal-epilepsija bħala diżabilita' severa, ma kienux intlaħqu, iżda wkoll aċċettaw dokumenti li għalkemm kellhom ikunu indispensabbli għall-affermazzjoni tal-marda li kellhom jiċċertifikaw, ma kienux iffirmati mit-tabib li suppost ħariġhom u lanqas kienu mitkubin f'forma jew bl-użu ta' terminoloġija, medika aċċettabbli.

Għalhekk, kif taraha l-Qorti, il-Prosekuzzjoni ma seħħilhiex tipprova kif imiss li t-tobba tal-Medical Panel setgħu, la minn perspettiva oġġettiva u lanqas soġġettivament[45], ġew indotti abbażi ta' xi wieħed mid-dokumenti li setgħu kellhom quddiemhom, biex jemmnu li l-imputata kellha epilepsija li tissodisfa l-kriterji statutoji li abbazi tagħhom kellhom jiġġudikaw l-applikazzjoni tal-imputata, għalkemm, kif diġa' ġie stabbilit, huwa minnu li jeżisti ness konkret bejn iċ-ċertifikati foloz li kienu fil-file tal-imputata u l-ħlas tal-assistenza għad-diżabilita' severa li ġie perċepit minnha.

Dan qed jingħad għaliex il-Qorti m'hijiex konvinta sal-grad taċ-ċertezza morali u oġġettivament, li t-tobba tal-Medical Panel ġew ingannati bid-dokumenti foloz li kien hemm fil-file u bbażaw id-deċiżjoni tagħhom fuq id-dokumenti foloz[46]. Kif ingħad qabel, ma saritx il-prova dwar liema dokumenti l-Medical Panel ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuqhom: dawn setgħu wara kollox kienu ċ-ċertifikati awtentiċi, debitament iffirmati u ttimbrati minn psikjatra li jiċċertifikaw li l-imputat tbati minn "*fits*" u kienet ġiet preskritta tliet tipi ta' mediċina *anti-convulsant*', liema ċertifikati l-imputat stqarret b'mod speċifiku li kienet ipproduċiet lill-Medical Panel fil-laqgħa tas-7 ta' Marzu 2019 u ma hemm xejn li jeskludi dan[47].

---

[45] Dr. Mark Bugeja ma għamel riferenza għal ebda dokument fl-atti proċesswali bħala dokument li kien quddiemu fl-evalwazzjoni tal-Medical Panel.

[46] Jiġi ribadit illi ma jirriżultax mix-xhieda ta' Dr. Mark Bugeja liema dokumenti l-Medical Panel ibbaża ċ-ċertifikazzjoni tal-kundizzjoni tal-epliessija fuqhom.

[47] L-imputata nnifsiha ikkonfermat waqt l-interrogazzjoni li ma qatt ma marret għand Dr. Ruth Galea u stqarret ukoll li qatt ma rat ir-rapporti tal-EEG li nħarġu fis-snin 2018, 2016 u 2013. Ċaħdet li ppreżentat xi dokumenti

Indiskutibbilment, u kif taraha l-Qorti, jekk tassew il-Medical Panel approva ċ-ċertifikazzjoni tal-imputata bħala persuna gravement disabilitata abbażi taċ-ċertifikati u dokumenti li jinsabu fil-file Dok. MB2 - liema dokumenti huwa evidenti b'mod *ictu oculi* li ma kienux idonei fil-kontenut tagħhom biex jingannaw professjonisti mediċi inkarigati sewwasew biex jiflu l-istess dokumenti, jaċċertaw li dawn jipprovdu t-tagħrif kollu meħtieġ għaċ-ċertifikzzjoni relattiva u jagħtu parir skont il-każ lid-Direttur - għal xi raġuni l-Medical Panel abdika mit-twettiq kif imiss tal-funzjonijiet tiegħu. Minn eżami tax-xhieda ta' Dr. Mark Bugeja[48], il-Qorti ma tistax ma tipperċepixxix li l-istħarriġ u evalwazzjoni li kien sar mill-Medical Panel, talanqas fil-każ tal-imputata, apparti li kien ferm superfiċjali u magħmul fuq fuq, ma kienx wieħed serju u bil-għaqal iżda pjuttost proċess ta' *rubber-stamping*.

L-imputata, bħal kulħadd ieħor, il-Qorti inkuża, tistenna - u din hija aspettattiva leġittima bażika - li t-tobba maħtura fuq bord speċjalizzat ikunu kompetenti biex jagħmlu x-xogħol rikjest minnhom u biex jaċċertaw li r-rekwiżiti tal-liġi għall-affermazzjoni tal-kundizzjoni medika jew marda partikolari ikunu jissussistu fil-każ konkret abbażi ta' dokumenti li jissodisfaw l-iktar kriterji bażiċi biex jitqiesu bħala idonei u aċċettabbli fis-settur mediku għall-fini tal-assessjar meħtieġ. Jekk, minkejja din l-aspettattiva bażika, il-Medical Panel xorta waħda iċċertifika lill-imputata bħala persuna b'diżabilita' severa meta kien ovvju li dik iċ-ċertifikazzjoni ma setgħet qatt issir b'mod leġittimu abbażi tad-dokumenti prodotti quddiemu jew dokumenti li kienu diġa' fil-file tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali għaliex kienu ġew sottomessi mal-applikazzjoni oriġinali, xorta waħda ma jikkonsegwix neċessarjament li l-Medical Panel ġie mqarraq biex jagħmel dik iċ-ċertifikazzjoni abbażi ta' xi ċertifikati foloz.

Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-każ u tqis li huwa ferm stramb kif Medical Panel li r-rwol tiegħu kien sewwasew l-evalwazzjoni ta' dokumenti u ċertifikati mediċi biex jiġi

lill-Medical Panel ħlief possibbilment iċ-ċertifikati ta' Dr. Mark Xuereb, u kkonfermat li qatt ma marret għal xi viżta l-Isptar Mater Dei.

[48] Dr. Mark Bugeja ikkonferma fix-xhieda tiegħu li biex jikkwalifika bħala persuna b'diżabilita' severa minħabba l-kundizzjoni tal-epilepsija, l-applikant irid jipproduċi ċertifikat ta' newrologu debitament ittimbrat u iffirmat mill-istess newrologu li jikkonferma li l-pazzjent ibati minn epilepsija.

deċiż jekk dawn jikkostitwixxu prova biżżejjed li l-pazzjent ibati minn kundizzjoni jew marda li tirrientra fid-definizzjoni skont il-liġi ta' diżabilita' severa, u fl-aħħar mill-aħħar bħala mezz ta' assigurazzjoni li l-fondi pubbliċi jintefqu fejn tassew meħtieġ, kien kompost minn tobba li mhumiex speċjalisti f'xi waħda mill-oqsma ta' mediċina li fihom jirrientraw il-kundizzjonjiet li jitqiesu bħala diżabilitajiet severi. Kemm hu hekk, filwaqt li Dr. Mark Bugeja m'huwiex newrologu jew speċjalist iżda huwa *surgical trainee*, għal xi raġuni Dr. Victor Muscat, it-tabib l-ieħor fil-Medical Panel li ċċertifika lill-imputata, lanqas m'hu reġistrat fir-Reġsitru tal-Kunsill Mediku (Dok. AC2)[49]. Dr. Mark Bugeja kkonferma wkoll li ma kienx isiru verifiki min-naħa tat-tobba tal-Medical Panel biex jiġi konfermat li t-tabib li jkun iffirma ċ-ċertifikat li kien jiġi prodott in sostenn tal-kundizzjoni jew marda, huwiex kwalifikat fil-qasam ta' speċjalizzazzjoni rilevanti, jew li tassew huwa reġistrat bħala tabib, jew li ċ-ċertifikati jkunu awtentiċi, lanqas, minn dak li fehmet il-Qort, meta ċ-ċertifikati u rapporti ma jkunux iffirmati. Dan qed jingħad għaliex il-Medical Panel fil-każ tal-imputata evidentement aċċetta bla tlaqliq rapporti li huma "*indispensabbli*" għad-dijanjosi ta' epilepsija mingħajr ebda wieħed minnhom ma jkun iffirmat, li tnejn minnhom kellhom ukoll l-istess numru tat-test - ħaġa li skont Dr. Maria Mallia, hija impossibbli.

Kif taraha l-Qorti, it-tobba tal-Medical Panel kellhom minn tal-inqas, jitolbu dokumenti b'tagħrif li huwa konformi mal-ħtiġiet tal-liġi jekk mhux ukoll dokumenti ffirmati mit-tabib li suppost ħariġhom, il-Qorti tirrifjuta taċċetta l-ipotesi li dawn it-tobba ġew ingannati miċ-ċertifikati u dokumenti foloz li allegatament kienu raw fil-file tal-imputata. Għall-Qorti huwa irrilevanti jekk iċ-ċertifikazzjoni ħażina u erroneja tal-Medical Panel saret

Kollox magħdud il-Qorti ma tistax serenament tikkonkludi li t-talba tal-imputata għall-ħlas tal-assistenza għal diżabilita' severa ġiet approvata mid-Direttur minħabba xi egħmil qarrieqi li induċa lit-tobba tal-Medical Panel fi żball dwar l-eliġibbilita' tagħha biex titqies bħala tali, u mhux minħabba inkompetenza jew traskuraġni tat-tobba fuq l-istess Panel jew għaliex użaw is-setgħa tagħhom b'mod mhux xieraq jew

[49] Medical Register Medical Practioners Principal List 2023.

minħabba motivi oħrajn li wassluhom jiċċertifikaw persuni bħala persuni gravement disabilitati irrispettivament mix-xorta ta' ċertifikati prodotti in sostenn tal-kundizzjoni allegat.

Konformement, il-Qorti ma tistax twarrab il-konsiderazzjoni illi jekk tassew id-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali ġie żvijat, dan kien konsegwenza taċ-ċertifikazzjoni żbaljata tal-Medical Panel u l-parir manifestament ħażin u mhux f'loku li ngħata lid-Direttur f'dan il-każ. Kif rajna qabel, id-Direttur għandu jikkonsulta lill-Panel u jfittex il-parir tiegħu qabel jagħti d-deċiżjoni tiegħu biex jibda jħallas l-assistenza għal diżabilita' severa lill-applikant. Għall-Qorti, l-ingann effettiv jinsab fiċ-ċertifikazzjoni ħażina tal-Medical Panel ossia r-rakkomandazzjoni li ta lid-Direttur dwar l-imputata, u mhux fid-dokumenti provduti lill-istess Panel in konnessjoni mal-applikazzjoni tal-imputata.

Għaldaqstant, billi mhux ippruvat sal-grad meħtieġ mil-liġi u l-Qorti tirravviża dubju raġjonevoli li d-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali setax ġie ingannat bid-dokumenti foloz li jinsabu fil-file tal-imputata u konsegwentement mhux ippruvat kif imiss li l-ħlasijiet ta' assistenza għal diżabilita' severa ġew perċepiti mill-imputata minħabba li hija ingannat lid-Direttur tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali u mhux għaliex il-Medical Panel ta parir ħażin lill-istess Direttur, jikkonsegwi li ma ġiex ipprovat sodisfaċjentement in-ness bejn it-telf patrimonjali u xi ingann adoperat milll-imputata, ma tistax tinstab ħatja tar-reat ta' frodi la taħt l-artikolu 308 u lanqas taħt l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali.

**Għal dawn il-motivi kollha, ma ssibx lil JOSEPHINE SPAGNOL ħatja ta' ebda wieħed mir-reati taħt l-artikoli 167, 169, 183, 184, 188, 308 u 309 tal-Kodiċi Kriminali u konsegwentement, tilliberaha mill-imputazzjonijiet kollha u minn kull ħtija u piena.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**